# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Matthew Falzon**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Matthew Falzon**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 2584M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli fis-7 ta' Settembru 2015 għall-ħabta ta' bejn il-05:00am u l-11:30am mill-fond 239, Triq San Mikiel, Bormla, ikkommetta serq sempliċi għad-detriment ta' Marika Muscat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li wara li ġew moqrija l-imputazzjonijiet lill-imputat huwa wieġeb li kien ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u tikkonudannah għal piena li tista' tkun anke waħda karċerarja. Il-Qorti, wara li tagħtu żmien biżżejjed biex

jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, semgħat lill-imputat ittenni li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata imtennija mill-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Semgħet ukoll lill-imputat jiddikjara pubblikament u fil-Qorti bil-miftuħ li huwa kien qiegħed japoloġizza għall-aġir tiegħu fil-konfront ta' Marika Muscat.

## ***DEĊIDE***

Li wara li inter alia rat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih tikkundannaħ għal xahrejn priġunerija.

***Mogħtija illum l-1 ta' Frar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***